# Il-Kwadri li kien hemm fl-ewwel snin tal-Knisja ta' Stella Maris

**Jikteb Dun Victor Soler**

Il-Knisja ewlenija ta' Tigne sfat imġarfa mill-Franċiżi fl-1798. Kien meħtieġ li tinbena oħra u fl-1803 nbniet il-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja. Il-Popolazzjoni bdiet kull ma jmur tiżdied kien jeħtieġ li tibena oħra ikbar.

Sar rikors lill-Isqof Mons. Publio dei Conti Sant sabiex il-kapitlu tal-Katidral jagħti biċċa art għal bini ta' Knisja ikbar. Ir-rikors ġie ppreżentat mill-Baruni Sciberras, Is-Sinjuri G.B. Schembri, Francesco Busietta flimkien mar-Rev. Dun Giuseppe Guglielmi. Appena r-rikors ġie approvat tħazzet il-pjanta mill-Perit Giuseppe Bonavia li wkoll ħa ħsieb ix-xogħol meħtieġ mingħajr ħlas. Ix-xogħol fuq il-bini tal-Knisja beda fl-1853 u tlesta sentejn wara, sabiex il-Knisja fetħet nhar il-11 ta' Awwissu ta' l-istess sena.



It-Titular li kien hemm fil-Knisja meta fetħet fl-1855

Fil-bidu l-Knisja kienet tasal sa fejn illum hemm il-pulptu. Kellha tliet altari. Minbarra l-artal maġġur kien hemm żewġ artali laterali, wieħed bil-kwadru ta' San Pawl u ieħor ta' Sant Antnin. B'xorti ħażina, xi żmien wara, dawn iż-żewġ kwadri kienu ttieħdu għar-restawr iżda baqgħu ma rritornawx u b'hekk intilfu għal dejjem.



**Il-kwadru li juri l-qawmien ta' Kristu mill-mewt, wieħed mill-kwadri tal-Knisja ta' Stella Maris fl-ewwel snin tagħha**

Skont il-gurnal L'Ordine tat- 22 ta' Jannar 1858, Il-Kanonku Dun Alessio Portelli kien irregala kwadru li jirrappreżenta lil San Frangisk ta' Paola xogħol il-pittur G. Calleja. Dan il-kwadru li kien ħa post dak ta' Sant' Antnin jinsab illum fis-sagristija tan-naħa tal-Kappellun tad-Duluri. L-ewwel Kwadru Titulari xogħol Rafel Caruana, b'xorti tajba llum għadu jista jitgawda billi wieħed issibu fis-sagristija f'post prominenti.

Fid-disinn oriġinali tal-pjanta, il-Perit Bonavia daħħal ukoll spażju għal erba' kwadri b'daqs ta' 110 ċentimetru għoli b'wiesgħa ta' 140 ċentimetru.

Fil-fatt dawn l-erba kwadri saru ftit aktar tard u kienu jirrappreżentaw il-qawmien mill-mewt ta' Sidna Ġesu' Kristu, lill-Ġesu u żewġ dixxipli fi triqthom lejn Emmaus, flimkien ma tnejn oħra li fihom Ġesu' qiegħed jidher lill-Marija Maddalena u fl-ieħor Ġesu' isejjaħ l-Appostlu San Tumas biex idaħħal sebgħu fil-marki ta' l-imsiemer. B'xorti tajba dawn il-kwadri wieħed għadu jista jarahom imdendlin mal-ħitan ta' l-oratorju tal-Qalb ta' Ġesu', biswit is-sagristija. Għaddew ftit aktar minn għoxrin sena u l-Knisja reġgħet tkabbret għal kwazi kif narawha llum.

Fil-fatt Il-gazzetta "Fede e Azione" tal-5 ta' Diċembru 1877 irrapurtat dan li ġej: "F'dawn il-granet infetħet il-Knisja viċi parrokkjali ta' Tas-Sliema u ammirajna dak li l-poplu numeruz ta' din il-borgata bl-inizjattiva tal-Kumitat ta' sinjuri lajċi u qassisin megħjunin mir-Rettur Dun Karm Gerada kienu kapaci jagħmlu f'anqas minn sena. Il-poplu ra l-knisja tiegħu li kienet ċkienet għal popolazzjoni li kienet dejjem qed tikber issa tiġi mkabbra b'iżjed minn żewġ terzi minn dak li kienet qabel. Issa ġew miżjuda koppla wiesgħa, għolja u grandjuza, b'zewġ kappelluni kbar f'kull ġemb u ieħor wara l-altar maġġur li jservi ta' kor. Fil-Kappelluni reġa' tħalla spaziju apposta għall-kwadri bl-istess qisien li kien iddisinja l-Perit Bonavia.



Il-kwadru ta' San Frangisk ta' Pawla



**Il-Kwadru ta' Venuti li juri l-Preżentazzjoni tal-Madonna fit-tempju li jinsab biswit il-Pulptu**

Fi żmien Dun Vinċenż Manche, l-ewwel kappillan ta' Tas-Sliema, ġie deċiż li jsi sett ta' erbatax-il-kwadru u li dawn kellhom jirrappreżentaw il-ħajja tal-Madonna mit-twelid sal-mewt tagħha. Għal dan il-għan kien tqabbad il-pittur bravu Filippu Venuti. Fatt kurjuż u interessanti hu li dawn l-erbatax-il kwadru kienu ferm akbar mill-qisien tal-gwarniċi fil-ġebla kif kien iddisinja oriġinarjament il-Perit Bonavia. B'xorti ħażina wara il-qerda tat-Tieni Gwerra sitta biss minn dawn il-kwadri ġew salvati. Tnejn minn dawn il-kwadri jinsabu fil-Kor tal-Knisja u juru wieħed It-Twelid ta' Ġesu Bambin u

fl-ieħor għandna lil Ġesu' jiddisputa ma' l-għorrief tat-Tempju.



**Il-Kwadru li juri lil Kristu flimkien ma żewġ dixxipli fi Triq lejn Emmaus**

Hekk kif wieħed jidħol mill-bieb il-kbir jilmaħ fuq ix-xellug kwadru tat-twelid ta' Marija u biswit il-pulptu l-preżentazzjoni ta' Marija fit-tempju.

Faċċata nsibu l-mewt tal-Madonna u fl-ieħor Marija fuq il-Kalvarju.

Kif għedna aktar qabel, il-gwerra ħalliet ħerba sħiħa u fost it-tezori artistiċi li ntilfu kien hemm il-kwadru tal-Kroċefissjoni ta' Giuseppe Cali.

Il-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Ġużepp Inguanez(1942-1965) qabbad lil pittur Taljan Mario Caffaro Rore sabiex ipitter kemm il kwadru tal Kroċefissjoni kif ukoll dak tal-Madonna tar-Rużarju. Dan ta' l-aħħar huwa minflokk l-kwadru mpingi snin qabel mill-Professur Lazzaro Pisani.

Forsi llum li l-arti tar-restawr għamlet progress kbir speċjalment bl-għajnuna ta' tekonologija ġdida jista jerġa jiġi restawrat dejjem jekk ikun possibli peress li minkejja li ġie salvatt u merfugħ fil-knisja, dan il-kwadru kellu ħafna ħsara.

Hawnhekk wieħed irid iqis ukoll jekk hux "val la pena" li wieħed jipprova jagħmel dan meta tikkonsidra x-xogħol u spejjes nvoluti in vis a vis tar-riżultat aħħari.

Barra dawn iż-żewġ kwadri, Caffaro Rore tqabbad ipitter il-kwadru l-oħra tal-kappelluni sabiex jieħdu post dawk li tfarrku bil-gwerra. Għal darb'oħra ntuzaw qisien differenti u allura l-kwadri ta' Caffaro Rore huma iżgħar fid-daqs minn dawk ta' Venuti.

Dan jidher ċar mill-ispażju li jezisti bejn il-gwarniċ tal-kwadru u d-daħla fil-ġebla. Allura ġiet taħlita ta' qisien ta' kwadri mhux skond l-estitika.

Dan kollu jwassalna biex nifhmu li l-kwadri ta' madwar il-Knisja għaddew minn tliet proċessi differenti. Kellna l-ewwel disinn oriġinali tal-perit Bonavia. Bħala konferma ta' dan, l-awtur ta' dan l-artiklu għandu fil-pussess tiegħu ritratt meħud wara li waqgħet il-bomba fuq il-kappellun tad-Duluri.

Permezz tiegħu wieħed jinnota li anke meta tkabbret il-Knisja, ġew irrepetuti l-istess spażji għal kwadri bil-qisien originali tal-Perit Bonavia. Kellna mbagħad il-kwadri kbar ta' Venuti u sfortunatament meta saru l-ġodda ta' Caffaro Rore ma sarux fuq l-istess qisien.

J'Alla li dak li baqa' għandna nippreservawh u possibilment nirrestawrawh sabiex kemm jista' jkun ingawduħ u nzommuħ fl-istat oriġinali tiegħu.